MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 59/2008

Kawza fil-lista: 45

**AB**
**vs**
**AB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi hija zzewget lill-intimat AB bir-rit kattoliku fil-15 ta' Awisu 1990 fil-Knisja ta' San Gwann tas-Salib fil-parrocca ta' Ta' Xbiex kif ukoll bir-rit civili fir-Registru Pubbliku fl-24 ta' Lulju, 1990 kif indikat fic-certifikat taz-zwieg numru elf, tlett mija u erbgha tas-sena elf, disa' mija u disghin (1304/1990) (ara Dok. A);

Illi z-zwieg bir-rit kattoliku taghhom gie annullat mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fid-29 ta' Awissu 2000 u kkonfermat b' Digriet ta' Ratifika mahrug mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fl-24 ta' Gunju, 2002 abbazi tar-ragunijiet esposti fis-sentenza relattiva, liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B kif ukoll tar-Ratifika hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor Joseph Henry Sciriha fit-22 ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000);

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghalkemm mhux interdett jew marid b' mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1)(h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex in vista tal-premess m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Lulju, 1990 huwa null u bla effett ai termini tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal Metropolitan fid-29 ta' Settembru 2000, konfermata b' sentenza moghtija mit-Tribunal Regjonali tat-II Istanza, fl-14 ta' Dicembru 2000;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta' Lulju 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien null fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu bir-rit civili fl-24 ta' Lulju 1990 meta allura l-attrici kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li l-attrici kienet regghet harget tqila mill-konvenut u wara li precedentement kienet diga' korriet mit-tqala li kellha qabel. Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett-it tfal. Wara konvivenza matrimonjali turbulenti l-partijiet is-separaw de facto u l-attrici kellha titlaq, b' uliedha, mid-dar konjugali, u marret tghix mal-genituri taghha.

Illi fil-15 ta' Awissu 1990 l-partijiet kienu zzewwgu bir-rit religjuz; izda dan iz-zwieg gie dikjarat null mit-Tribunali Ekklesjastiki wara li gie konstatat li z-zewg partijiet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u l-inabilita' da parti taz-zewg partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet konjugal; u dana wara li, inter alia, hadu konjizzjoni tar-rapport tal-psikologu appuntat mit-tribunal ta' l-ewwel istanza.

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni ta’ l-atti kollha prezentati, inkluz l-affidavit ta’ l-attrici, u tosserva li fil-konfront taz-zewg partijiet, tirrizulta, ghalkemm fuq konsiderazzjonijiet fattwali differenti, l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-imsemmi paragrafu [d].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta’ l-attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Lulju 1990. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------